MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 544/2004

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Audrey Azzopardi u zewgha Karl Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm1057.00) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali, wahda ta' tnejn u disghin lira (Lm92.00) (bilanc), tmienja ta mija u hames liri (Lm105.00) il-wahda, u wahda ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00), debitament accettati u skaduti minn Marzu, 2003 sa Dicembru, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklussivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-23 ta' Frar, 2004 jammontaw ghal hamsa u hamsin lira Maltija (Lm55.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fis-7 ta' Mejju, 2004, li biha stante pagament fil-mori tal-kawza ta' erba' mija u tmenin lira (Lm480.00) in kwantu ghall-wiehed u sittin lira (Lm61.00) imghax sas-6 ta' Mejju, 2004 u l-bilanc ta' erba' mija u dsatax-il lira (Lm419.00) akkont tas-sorte, irriduciet s-sorte bl-istess somma ta' erba' mija u dsatax-il lira (Lm419.00) u zammet ferm ghall-bilanc tas-sorte ghal sitt mija u tmienja u tletin lira (Lm638.00) bl-imghax mis-7 ta' Mejju, 2004 u bl-ispejjez tal-kawza.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-7 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenuti qed jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin lira (Lm638.00) bl-imghax legali mis-7 ta' Mejju, 2004 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------